**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 9 ta' Mejju, 2002**

Citazzjoni Numru: **186/02TM**

Numru**: 1**

**DR HUGH PERALTA bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera "11er Nahrungsmittel GmbH" ta' l-Awstrija**

vs

**RAB LIMITED**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet li s-socjeta' konvenuta hija debittrici ta' l-attur nomine fl-ammont ta' tmienja u tletin elf erba' mija erbgha u erbghin Euro wiehed u disghin centezmi (E38,444,91) ekwivalenti ghal cirka hmistax il-elf mitejn sebgha u

ghoxrin Liri Maltin (Lm15, 227) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta' konvenuta fuq ordni u inkarigu speciku tas-socjeta' konvenuta (hawn aktar l-isfel imsejjah bhala "l-ammont dovut") u dan kif jidher mill-*istatement of account* ta' l-attur nomine hawn anness u markat dokument ittra "A".

Ippremettiet li ghalkemm mitluba diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut flimkien ma' l-interessi, s-socjeta' konvenuta baqghet indampjenti minkejja d-dIversi weghdiet ta' pagament maghmulin minnha;

Ippremettiet li l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tmienja u tletin elf erba' mija erbgha u erbghin Euro wiehed u disghin centezmi (E38.444,91) ekwivalenti ghal cirka hmistax il-elf mitejn sebgha u ghoxrin Liri Maltin (LM15,227) huwa cert, likwidu u esigibbli, u sa fejn jaf l-attur nomine, s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' dik is-somma, u dan kif jidher mill-affidavit ta' l-Avukat Dottor Hugh Peralta fil-kwalita' tieghu premessa, hawn anness dokument ittra "B".

Talbet ghalhekk li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

1. ma ghandhiex din il-Qorti taghti sentenza u tilqa' t-talba ta' l-attur nomine bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u

2. Hekk tikkundanna minnufih lis-socjeta' konvenuta thallas lill-istess attur nomine s-somma ta' tmienja u tletin elf erba' mija erbgha u erbghin Euro wihed u disghin centezmi (E38.444,91) ekwivalenti ghal cirka hmistax il-elf mitejn sebgha u ghoxrin Liri Maltin (LM15,227) hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar il-fuq.

B-imghax mid-data ta' kull fattura sal-gurnata tal-pagament effettiv, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-10 t'Awissu, 2001, kif ukoll dawk tal-mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru prezentati kontestwalent ma' dan l-att ta' citazzjoni, kollox kontra s-socjeta' konvenuta li huma minn issa r-rapprezentanti taghha huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta u ghalkemm din, fis-seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2002, inghatat il-fakolta' tikkontesta l-kawza u tressaq in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha, fil-fatt, naqset li tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet lis-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**IMHALLEF**

**D/REG**

/ja